# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

FIL-QLUB GĦERUQI,
TQAĊĊATNI TISTA', TAQLAGĦNI QATT.

**It-Tielet Sena** **Awissu 1933** **No. 30**

Stampât fl-"EMPIRE PRESS" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

AWISSU 1933] IT-TIELET SENA [Nru 30

# L-GĦAQDA TAL-MALTI U L-EŻAMIJIET

Ma jixraqx li wieħed jiftaħar bih in-nifsu, iżda huwa dmir li wieħed ifaħħar lil min ħaqqu u aktar u aktar jekk min ħaqqu t-tifħir hu marbut magħna b'rabta taddemm jew tar-ruħ. Għalhekk inħoss toħroġ minn qalbi kelma ta' tifħir lill-istudenti msieħbin fil-Għaqda tal-Malti, lill-ħbieb marbutin ma' qalbi b'rabta aqwa mir-rabta taddemm u nixtieq li jingħaqdu miegħi biex ifaħħruhom il-ħbieb kollha tal-Malti għar-rebħa kbira li rebħu fl-eżamijiet ta' għeluq is-sena.

L-ewwelnett il-premijiet rebħuhom kollha l-istudenti tal-Għaqda jiġifieri :

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Ġ. Theuma Relf B.A.,** | **l-ewwel** | **fil-Kors** | **tat-Teoloġija** | **b'91** | **punti** | **fil-100** |
| **Ninu Mamo B.A.,** | ,, | ,, | **tal-Liġi** | **b'93** | ,, | ,, |
| **Kelinu Sammut B.Sc.** | ,, | ,, | **tal-Medicina** | **b'93** | ,, | ,, |
| **R. V. Galea B.Sc.,** | ,, | ,, | **tal-Periti** | **b'93** | ,, | ,, |
| **Dwardu Coleiro** | ,, | ,, | **tal-Letteratura** | **b'81** | ,, | ,, |
| **Ġorġ Cammilleri** | ,, | ,, | **tax-Xjenza** | **b'82** | ,, | ,, |

Barra minn dawn għaddew bl-unuri:

G. Formosa B. A. (Liġi); Agius E. B.Sc. u Borg Ch. B.Sc. li ġew it-tieni, Ġer. Cammileri Samut, Ġ. Bugeja (Medicina) G. Savona li ġie t-tieni (Periti); G. Lupi (Litteratura), Oscar Zammit li ġie t-tieni, T. Anastasi u T. Warrington, li ġew it-tielet, Mary Caruana, A. Micallef u Andrè Cassar (Xjenza).

Minn 6 li ħadu l-grad B. A. tlieta huma tal-Għaqda: Dwardu Coleiro, Ant. Buttigieġ u Ġuże Aquilina.

Minn 11 li ħadu l-grad B.Sc. sebgħa huma tal-Għaqda: Ġ. Cammileri, O. Zammit, T. Anastasi, T. Warrington, Mary Caruana, A. Micallef, A. Cassar.

Mill-Kors tal-Ispiżjari s-sinjorina O.Tayar ġiet it-tieni Dan ir-riżultat ifisser aktar milli nistgħu ngħidu bil-kliem. Ifisser li l-Għaqda hi magħmula mill-aħjar studenti, li huma mixgħulin b'ħeġġa l-aktar kbira għal kull tagħlim U jekk il-qawwa, il-ħajja, ir-ruħ ta' Università qiegħda fil-ħedma fit-tħabrik, u fit-tagħlim ta' wliedha li huma l-istudenti tagħha, għandna l-jedd kollu ngħidu, u ħadd ma jista' jmerina li l-Għaqda tal-Istudenti, fil-waqt li tiġbor fiha ħedma, tħabrik u tagħlim, tiġbor ukoll ġewwa fiha il-qawwa, il-ħajja, ir-ruħ tal-Università.

Jekk il-ħedma tal-Għaqda ma tistax tinfired mill-ħajja tal-Università, mela l-kelma tal-Għaqda hi l-kelma tal-Università. Ħadd ma jistagħġeb b'dal-kliem. Ma nħarsux lejn liġijiet u regolamenti li jitbiddlu maż-żmenijiet, izda nħarsu biss lejn dak li ma jitbiddel qatt, jiġifieri, li kull Università u kull Dar oħra ta' tagħlim tgħix, tikber u titqawwa bit-tagħlim ta' wliedha. Għammar Università bi rjus dgħajfin u int ikollok ġisem bla ħajja, jew mitruħ, bla saħħa nofsu mejjet. Għammarha bi rjus miftuħa għal kull tagħlim u int ikollok sur l-aktar qawwi, xemx li ssaħħan u ddawwal, u xxerred kullimkien il-ħajja. Jitbiddlu ż-żmenijiet u jitbiddlu l-liġijiet imma dil-verità ma titbiddel qatt.

Kelma oħra li titfa' aktar dawl fuq il-ħedma tal-istudenti tal-Għaqda. Is-Sur G. Aquilina, wieħed mill-aqwa ħaddiema tal-Għaqda u mill-aħjar kittieba tal-Malti huwa l-editur ta' *The Journal of the Malta University Literary Society*, u kittieb ta' poeżijiet bl-ingliż imfaħħrin mill-Ingliżi. Jikteb ukoll sikwit bit-taljan fil-*Brigata* tal-istudenti. Ant. Buttigieġ kittieb u ħaddiem ħabrieki tal-Malti hu mdaħħal fit-tmexxija tal-*Journal*. Is-Sur V. Pellegrini, kittieb tal-Malti u editur tal-*Brigata* kiteb ukoll

ktieb ta' poeżijiet bit-taljan. U l-oħrajn kollha jiktbu, jaħdmu u jħabirku mhux biss għall-Malti, iżda għall-Ingliż u għat-taljan ukoll. Din hi l-aqwa xhieda li qalb l-istudenti tal-Għaqda mhi mdennsa bl-ebda fehma mistura.

Għalhekk nifirħilhom b'qalbi kollha u nixteqilhom b'ruħi kollha li qatt ma jibirdu mill-imħabba tagħhom lejn il-Malti u lejn it-tagħlim kollu.

P. P. Saydon.

# TAĦT L-ARLOĠĠ IL-QADIM
# TAL-KASTELL TA' GĦAWDEX

ĦSEBIJIET

M'għadekx iddoqq, m'għadekx issamma' leħnek
Fil-misraħ ċkejken illi hemm quddiemek
Li bħalek jaf elf ġrajja
F'tislit bejn mewt u ħajja.

Kollox sieket fil-belt fejn dari leħnek
Semmajt minn dar għal dar f'lejliet kennija,
Id-djar li taw is-sħana
Mnejn tnissel dal-ġens tagħna.

Kollox sieket fil-belt; it-triqat jibku
Bikja ta' baħ, ta' dieq li jidħol f'qalbek;
U l-ħsieb tħossu jitrigħed
F'dehriet ta' żmien imbigħed.

Minn dawk it-twieqi żgħar tad-djar imġarrfa
M'għadhomx jixirfu uċuħ igħassu bil-ħniena
Biex tfittex isemmagħhom
Is-siegħa tal-ħolm tagħhom.

U l-għases fuq is-swar m'għadhomx jixirfu
Sabiex jaraw daqqitx is-siegħa ħelwa
Li ftit mistrieħ tatihom
Mill-għejja li tifnihom.

U l-ebda kavalier ma jiġi jgħarrex
Il-ħin li fih jiltaqa' mal-maħbuba
Li qalbu nebbħithielhu,
U d-dinja ċaħdithielu.

L-inqas ma twieġbek il-qampiena ċkejkna
Tal-Knisja żgħira qalb l-irdum minsija,
Fejn bħalek tgħanni b'karba
Taż-żmien li tar il-ħarba. (1)

Ma' nofs il-lejl, il-ħin tal-kbar konfoffi,
M'għadekx tħarrab mill-ħabs xbejbiet u żgħażagħ,
Kif igħidu ħafna għana
Li taf il-kotra tagħna.

Int biss, arloġġ, int biss taf tgħidha sewwa
Il-ġrajja ta' dil-belt il-lum bla ħajja,
Għax int qejjist lil jiemha
Ta' dmugħ, ta' demm, ta' sliema.

Għax int ukoll daqqejt is-siegħa kbira
Ta' dik ir-rebħa illi fdietna għal dejjem
Xħin Malta b'qawwiet drieegħha
Għaġġbet lid-dinja sħiħa.

Ġorg Pisani

---

(1) **Il-knisja ta' San Ġużepp il-qadim**

# KELMA ĠĠIB LILL-OĦRA

"Ejja nilagħbu" għajjat Wenzu, tifel maħmuġ u mċewlaħ, waqt li xiref f'bieb id-dar, b'kisra daqsiex f'idu, lil Karmenu li kien joqgħod quddiemhom. Karmenu, tifel ta' xi seba' snin, kien fit-tieqa b'bott tal-landa f'idu mimli kafè u ħobż imfittet.

"Ġej, Wenz" għajjat mit-tieqa, bela' malajr il-kafè u niżel jiġri. Wenzu ħareġ żugraga daqsiex mill-but, b'sitt ħabbiet għamel dawra fl-art u tafa' s-sitta fiha. Dawwar il-ħabel mażżugraga xeħitha fl-art,u beda jerfagħha fuq qiegħ idu u jitfagħha fuq is-sitta, biex kieku joħroġha mid-dawra.Wieħed wara l-ieħor damu jilagħbu daqs nofs siegħa, iżda fl-aħħar messet darba lil Wenzu u ma satax jolqotha s-sitta. Wenzu kien izommha ż-żugraga u ma riedx tħalliha tgħaddi.

"Narġa' nilgħab," qal, "din ma tgħoddx." Karmenu tfantas, "Lili jmiss" qal "inti lgħabt."

Narġa' nilgħab" tenna l-ieħor "għax iż-żugraga tiegħi." F'dak il-ħin leħen werżieqi ta' mara, omm Wenzu, għajtet minn ġewwa : "Wenzu". "Hawn" wieġeb dak minn barra, waqt li l-istess leħen reġa nstama: "Ejja 'l hawn, ja xitan."

"Mela ma rridx nilgħab," qal Karmenu, "kiesaħ."

"Kiesaħ inti" tenna Wenzu "mela jien" u f'dan il-waqt resaq lejn sieħbu u ġibidlu tiġbida xagħru.

"Ma" werżaq Karmenu, li tawwal idu biex ixejjer daqqa ta ħarta lil Wenzu.

Omm Karmenu, Katarin, ħarġet tiġri minn ġewwa għal għajta ta' binha, u meta rathom imqabbdin f'xulxin, bla ma qagħdet tifli min minnhom kellu ħtija,ġibdet lejha 'l binha minn driegħu, u niżżlet xi daqtejn fuq dahar Wenzu. Omm Wenzu, Manan, donnha kienet qiegħda tissajjahom minn wara l-bieb, għax malli rat lil Katarin tmiss lil binha, ħarġet tiġri daqs balla, ġibdet lil Wenzu lejha u qalet : "Katarin meta trid xi ħaġa, ejja sib lili mhux lil ibni, għax dak mhux ta' idejk, ja kiesħa li int, jew tgħir għal ibni, għax lil tiegħi daħħluhuli l-iskola u tiegħek baqa minn barra."

"Ma daħħluhx l-iskola għax għadu żgħir. M'hemmx għalfejn ingħir. Tgħir int għalija mela jien, għax ir-raġel tiegħi daħal mal-gvern, u tiegħek landier ta' ħabba."

"Ajma jommi," reġgħet Manan, "mur ara x'post għandu mal-gvern : kennies."

"U biżżejjed, ja wiċċ il-mewt, kullħadd igħid li int marida, daqs kemm int safra u ħadra, donnha l-għira q'ed tagħmel bik" għajtet Katarin.

"Mhux sfura dik Katarin," qalet Manan, "dik bjuda. Mhux bħalek sewda tuta donnok torka. Għax ma tgħidx bid-daħk li jidħku bik meta toħroġ xi ħarġa b'dak wiċċek donnu vopa im-

kagħbra fid-dqieq u biex tnaqqas ftit is-swidija. Dak għandek tgħid, ja dandaluna, għajjura, kiesħa."

"B'daqshekk ma tnaqqaslix ġieħi," qalet fis-saħna "Katarin, "qatt ma sliftni xejn u ma raddejtulekx. Fejn baqgħet sejra dik il-pjanċa li sliftek, Katarin? fejn baqgħet sejra? tajthieli hux? naħlef li mindu tajthielek ma rajthiex b'għajnejja. Ħalliela."

"Ħalliela, ħalliela jien, Manan?" qalet Katarin, "l-ewwelnett il-pjanċa raddejthielek, u mbagħad ma tiftakarx meta raw lil żewġek bil-lejl jaqbeż il-ħajt ta' l-għalqa tas-Sifu bi xkora fuq dahru, u kif laqatha mal-ħajt kien hemm xi erba' tiġiġiet ġo fiha li bdew igħajjtu għajjat tax-xjaten? Jien jew żewġek ħallelin, Manan?

Manan rat li messet pont ħażin, ma kenitx ħasbet x'setgħet tweġibha Katarin, w-instamtet għax nafuha aħna l-istorja tarrħula: donnhom ikunu q'ed jistennew xi ġlieda, għax malli żewġ nisa jwerżqu, ir-raħal joħroġ bi ħġaru. Manan stħat u riedet iddawwar il-biċċa

"Imma ma rajtux int," qalet, "smajthom biss igħidu, u dak li jgħidu n-nies tiħux għalih. Imma jiena naf li l-pjanċa ma tgħajthielix. Ħalliela."

"Ħalliela int, kiesħa, sewda, maħmuġa..."

"Maħmuġa, safra...

"Tgħajjarnix iktar, għax hekk igħaddi kuntistabbli żgur inħarkek, ħalliela.

l-anqas laħqet qalet, li fil-kantuniera ma deherx Karmnu l-pulizija. In-nies li kienu hemm iħarsu, bdew jitilqu, imma ż-żewġ nisa fis-saħna li kienu baqgħu jiġġieldu u ma baqax hemmekk ħlief Pawlu l-Iskurdat. Malli wasal Karmnu, iż-żewġ nisa sfaru, bdew jerġgħu l-ura u jwaħħlu waħda fl-oħra. Karmnu qata qasir u ħarrikhom it-tnejn.

Mar fuq Pawlu l-Iskurdat u qallu : "Pawl ħa nħarkek bħala xhud."

"X'inhu, x'inhu, xhud?" qal Pawlu, li kienu jgħidulu Skurdat għax kien, miskin, nieqes daqsxejn minn moħħu.

"Xhud, iva. Tini ismek u kunjomok, fejn toqgħod u x'tagħmel."

"Jiena, jiena ma nagħmel xejn, noqgħod ma' missieri u jisimni Pawlu l-Iskurdat.

"Iva missierek fejn joqgħod" qal Karmnu l-pulizija.

"Missieri, missieri joqgħod hemm id-dar tagħna, wara l-knisja."

"It-trîq ma tafx x'jisimha?" tenna Karmnu.

"Minn daqshekk iwa, Sda. San Ġwanni t'Alla Kruċ, No. 4."

"Biżżejjed daqshekk" qal Karmnu daħħal il-lapis wil-karta fil-but u telaq.

Pawlu l-Iskurdat mejjel kemm kemm il-beritta, tefa l-pipa f'ħalqu, daħħal idejh fil-but u qagħad jara lil Karmnu sejjer. Meta dan għab, Pawlu ċċaqlaq, "hawn jien" qal "imħarrek b'xhud, għal quddiem il-maġistrat, tajba tassew."

GIUS. PACE.

26/1/1933.

# GĦASAFAR

Fil-wita tas-sema—nilmaħkom tittajru
Iżżuru lil ħdura—lill-bliet, lil widien;
Nilmaħkom fil-għoli,—għannejja ta' l-ajru
iżżejnu l-ħolqien.

Ix-xemx tisreġ fuqkkom—mingħajr ma twaqqfilkom
Il-mixi tal-ġwienaħ—fis-saltna tan-nir;
Il-kesħa xitwija—le' l-għana 'żżommilkom
ġo qalbkom ilsir.

Ir-riħ le' jbeżżagħkom—jekk b-qilltu, jgħattikom,
Għax tibqgħu fil-għoli—tifirqu 's-smewwiet;
Id-dalma m-hix niket--biżżejjed għalikom
id-dawl tal-kewkbiet.

Nilmaħkom għassiesa—fil-bejta li bnejtu
Bit-tibna li ġibtu—bla tafu minn fejn:
Għiduli: Għorfitkom—biex twaqqfu kif bdejtu,
jekk intom bla jdejn?

Fuq friegħi tas-siġar—tistrieħu ferħana:
Jinstema leħinkom—fil-bogħod jidwi, jdub.
Min kien imgħallimkom—biex tinsġu dak l-għana
l' isaħħar il-qlub?

Weħidkom għaraftu—titwieżnu fuq rixkkom,
Fil-għoli tintelqu—fuq xmajjar fuq bliet;
Weħidkom libbistu,—sawwartu leħinkom
b-eluf ta' ħlewwiet.

Dik l-id wisq setgħana—ġo fikom jien nilmaħ
Li tiġi tfarraġni—fin-niket, fid-djieq;
Li toħloq, li 'xxejjen,—li tkexkex, li tferraħ:
id Alla 'l-Ħallieq.

KARM. VELLA

Frar 1932

# TISWIR TA' KLIEM ĠDID

## II. VERBI

*F'Leħen il-Malti* ta' Lulju (faċċ. 71) urejt kif nistgħu noħorġu verbi ġodda minn kliem li għandna. Il-lum sa nsemmi fuq għamla oħra ta' verbi li nistgħu nsawwru minn kliem ieħor.

Mill-aġġettiv *dgħif* nistgħu nagħmlu l-verb *dagħaf, jidgħaf* li jfisser *sar dgħif, debbli, bla saħħa.* Hekk nistgħu ngħidu: *Narah jidgħaf bis-sigħat; naħseb li għandu xi marda fuqu.* U minn *dagħaf* nistgħu noħorġu l-verb *dâgħaf* (flok *dagħgħaf)* u ngħidu: *Il-marda dâgħfitni wisq, ma nistax nieħu ruħ.*

Għandna l-verb *għallem* u *tgħallem*, iżda ma għandniex *għalem, jagħlem.* Għax ma ndaħħluhx ukoll fil-kitba? Bosta drabi nistgħu ngħaddu mingħajru u ninqdew bil-verb *jaf, kien jaf*; hekk flok: *jien nagħlem* ngħidu *jien naf*, li jfisser ħaġa waħda. Iżda l-verb *jaf* ma jistâx jaqdina f'kollox. *Jaf* ifisser ħaġa ta' issa; *kien jaf* ifisser ħaġa tal-imgħoddi, imma ħaġa li ddum xi żmien; biex nfissru ħaġa tal-imgħoddi imma li ssir f'ħin wieħed il-verb *jaf* ma jaqdiniex. Nisselfu l-verb *għaraf?* Imma bejn *jaf* u *jagħraf* hemm qabża li kullħadd iħossha. Għalhekk jekk irridu niktbu bir-reqqa, jkollna ninqdew bil-verb *għalem* kull meta ma nistgħux ninqdew bil-verb *jaf* Bħalma fit-taljan ma nistgħux ngħidu *egli sapeva* flok *egli seppe*, hekk ukoll lil-Malti ma nistgħux ngħidu: *kien jaf* flok *għalem.* Mela għandna ngħidu *għalem* kull meta *kien jaf* ma jfisserx tajjeb il-ħsieb tagħna; bejn *jagħlem* u *jaf* l-għażla f'idejna.

Għandna wkoll *sellem* imma ma għandniex *silem.* CARUANA jsemmih fid-Dizzjunarju bħala verb li ftit u xejn jimxi *Sellem* ifisser *tixtieq is-sliem* u *sliem* ifisser *ġid, riżq, ħajr.* Mela *Silem* ifisser *kien tajjeb, kellu l-ġid, ir-riżq, is-sliem.* Hekk nistgħu ngħidu: *it-tajjeb dejjem jislem jekk mhux f'did-dinja, fl-oħra.*

Minn *żgħir* nistgħu nagħmlu l-verb *żagħar* u ngħidu: *Iż-żgħar jixtiequ jikbru u l-kbar jixtiequ jiżagħru.* Il-ħtieġa ta' dal-verb ma nħossuhiex wisq għax għandna l-verb *ċkien* li jfisser bħalu. Iżda *ċkejken* u *żgħir* jixxiebħu imma ma jaqblux fit-tifsir tagħhom.

S'issa qegħdin biss nuru t-triq lill-kittieba ż-żgħażagħ. Biex naqbdulhom f'idhom u mmexxuhom ukoll f'din it-triq wegħrija, nħajjruhom li jibdew huma wkoll isawwru kliem ġdid mill-kliem li għandna u jibagħtuh lilna biex nifluh. Il-kliem li jkun imsawwar tajjeb inġibuh b'isem il-kittieb.

P. P. SAYDON.

# WARD MALTI

V.

## GHANJA

Irrid natik għanja
li fost l-għana kollu
li ġie minsuġ lilek
ħadd s'issa ma tak;
għax kif tidher lili
hekk ħajja, hekk sbejħa,
ja art ta' twelidi,
ħadd m'għaraf jarak.

Min ħatrek rebbieħa
fil-ġlieda mal-Mislem,
min tellgħek fil-għoli
imħabba t-twemmin;
lil wieħed tat l-għanja
il-ferħa tar-rebħa,
lil l-ieħor ta' Kristu
is-sewwa tad-Dîn.

Oħrajn meta l-għaref
mar jikxef l-imgħoddi
ta' żmien l-aktar bgħid
mid-dlam ta' l-egħrien,
mill-għaxqa misruqa
imgħaġġba bid-dehra,
ħallew tal-foħrija
minn tagħhom l-ilsien.

Mhux hekk l-għanja tiegħi!
kif twieldet jaf Alla
li l-ġnus mar iqassam
kull wieħed għalih,
u nissel f'kull bniedem
għal artu, għal ġensu
dil-ġibda li tħeġġeġ
ta' qalbu fil-qiegħ.

Hekk twieldet, bħal xitla
ixxettlet u kibret,
bħal siġra midditli
ġo qalbi l-egħruq,
saqqejtha, saħħaħtha
bid-demm ta' żgħożiti,
b'dad-demm li f'imħabbtek
jien minnu maħruq.

Għax jiena, bħal mara,
bħal mara li ssaħħar,
li tbellah, li ġġennen
urajk jien miġbud.
Hekk hekk, hekk inħobbok
w-inħoss ġewwa sidri
li ngħix ma nkunx nista'
jien minnek mifrud.

Min jaf kemm-il-darba
fil-ljieli tal-qamar
qgħadt nisma' lill-baħar
ibusek fis-skiet
u b'rogħda ta' għira
mikdud mill-imħabba
gerżumti ħassejtha
b'demm qalbi intliet.

Min jaf kemm-il-darba
fil-qilla sajfija
nixxemmex int rajtni,
mitluf f'ħarsa lejk,
nistħajlek xi tfajla
kif nieżla fil-baħar
waqt jien kont nissaħħar
għad-daħka t'għajnejk.

Għalhekk malli ïsmek
jien nisma' nintilef
bħal kieku f'dagħdigħa
ta' bniedem marid,
u nħoss qalbi tferfer
ġo ħruq liema bħalu
u donnha minn sidri
hi taqbeż tkun trid.

Int biss għallimthieli
qalila l-mibegħda
għal min irid jaħqrek
jew jixħtek fit-tajn,
sew sew jekk barrani,
jew ħija nobogħdu
għalih ma hemmx maħfra:
għal miegħu għajn b'għajn.

Għalhekk jien niġġieled
b'din saħħti, b'dan moħħi,
biex dak li hu tiegħek
jittiesef lè xejn,
għalhekk jien nitfittet,
nitmasħan, nitqabad,
biex int ma tkunx iċken,
milli inti u fl-għajnejn.

F'dit-telfa qawwija
din l-għanja ħejjejtlek.
Imkebbsa xewqati
bħal ġamra għalik,
ħabbatli kull daqqa
li tmur mat-tqabbila
ta' demmi li jagħli
ġo ġismi t-tektik.

U wara li l-bewsa
tal-mewt minn ġo fija
ittajjar lil ruħi
għaż-żmien ta' bla jiem,
jien nibqa' nismagħha
w-hi tibqa' tgħannili
din l-għanja wild ruħi,
għax ruħi bla tmiem.

C. M. B.

# IL-POEŻIJA TA' NINU CREMONA

(*Jorbot ma' faċċ. 79 tan-Nru. 29*)

Issa nilħqu *Lil Mikiel Anton Vassalli;* tarrafna moqbejl li f'din il-għanja l-poeta jħalli ruħu tintrikeb iż-żejjed mill-istorja bħala storja. U tassew din il-poeżija jonqosha n-nifs tal-ħajja li jġerri d-demm fil-ġisem u jislet il-ħeffa tal-ħsieb mill-moħħ. Aqrawha u taraw kif il-ħaqq miegħi. F'żewġ sunetti Cremona ried jiġbor il-ħajja tal-magħruf kittieb tal-*Mylsen* malti li aħna ngħoddu bħala l-ewwel missier ta' dan l-imċewlaħ ilsien tagħna. Li twaħħal f'rasek tfisser ħjiel jew ħsieb f'poeżija mhux biżżejjed jekk qalbek tilagħbek. U lil Cremona din id-darba qalbu lagħbitu bl-ikreh, għax ħallietu jaħdem ġrajjet Vassalli fir-rabta talvrus wir-rima mingħajr ma silfitu l-ebda xrara mir-ruħ, dik ixxrara li tixbaħ lil nifs Alla fuq il-ġisem—tafal ta' l-ewwel bniedem. Fi ftit kliem, mingħalija din il għanja hi tifliqa f'ruħha u qoxritha daqs kemm hi tifliqa statwa ta' artist għajjen li f'ħarset għajnejha ma għandha xejn mill-ħajja. Għax il-ħsieb fil-poeżija jeħtieġ tgħoddsu fl-ilwien tal-fantasija u l-aktar ġrajjiet l-istorja, fihom infushom nixfin daqs mara għakka msagħtra, għandhom jieħdu ħajja żagħżugħa ħajja mlewna mill-fantasija żewwieqa talpoeta.

Fil-għanja li tiġi dlonk wara "*Sħab Għaddej*" il-poeta jxebbaħ taqlib il-ħajja mal-mixi ta' sħaba ħarbana tul l-ikħal tas-sema. Jinħass f'din il-poeżija, kif armajn f'kollha bħal krib minn ħajtu, għax is-sħaba bajda ġerrejja tfakkru fix-xjuħija li laħqitu qabel iż-żmien:

> L'id bierda, taqqalija
> tal-ħsieb bajditli xagħri...

igħid "*F'Xatt il-Baħar.*" L-istess ħsieb ifisser fi *Sħab Għaddej*:

> Imm'int tibqa' b'ġirja waħda
> sejra dejjem, dejjem sejra,
> u tħallini b'qalbi mċaħħda
> minn ferħ abjad tas-smewwiet,
> minn tehlil ħafif tar-riħ...
> Bħalek ta' ċkuniti għaddiet
> l-għodwa mdawla li tgħattiet
> b'mantar sewdieni,
> ta' qerq, ta' pwieni
> xejħuli żmieni.

Jogħġobni kliem il-għannej lis-sħab li jiksi wiċċ is-sema :

Sħab bajdani li fi ħdankom
tgħammru d-dell li jaħbi x-xemx,
raff ta' rjus, minn taħt ħitankom,
telgħin donnkom is-saltniet
b'dik il-mixja, siekta twila,
x'sejrin tħabbru; dlamijiet?
jew il-ħġejjeġ taż-żilżliet (1)?

F'għodwa xemxija,
il-ġmiel, id-dija,
għaliex se' tistru
qabel fl-għaxija?

F'dawn il-vrus hemm tixbihat sbieħ x'ittigħem.

Issa niġu għal għanja *Lilek Ja Mara,* poeżija miktuba bħala tifkira fl-album ta' waħda li darba kien ħabb. Siwi letterarju hekk hekk, u l-istess ingħidu għal ta' warajha *"Imħabbtek, Ja Xbejba...* għanja ċkejkna miktuba fl-album ta' tfajla, proneputija tiegħu. F'din ta' l-aħħar Cremona ħaddem il-ħsieb imfisser minn Dryden f'dan il-kliem : "Let grace and goodness be the principal loadstone of your affection. For love which *hath ends will have ends,* whereas that which is bounded in true virtue will always continue.

Usalna fl-aħħar ta' l-aħħar. *Għanja Tar-Rebbiegħa* tagħlaq il-ġabra kif jixraq, b'mużka sħiħa, il-mużka li toħroġ minn ruħ għatxiena għas-sliem wil-mistrieħ wara tant għawġ u leħġa ta' nifs maqtugħ bid-dwejjaq. Il-poeżija hi friska fix-xbiehat, ħajja fil-ħsieb, imfawwra bl-enerġija tat-Tama li tqum fir-ruħ malqawma tan-natura. Kollox intemmlu lil Għannej imma baqalu l-aħjar ħaġa : It-Tama u hu lil din jistennieha.

nieżla minn qalb l-isħab b'qawsalla f'rasha
u liebsa l-abjad kollha fuq mogħdija
ta' ħdura miexja;

sakemm Hi "f'ħoġorha l-wasa' tmiddlu rasu "bil-ħolm mixwija— ta' biża' kbir" u traqqdu mistrieħ f'nagħsa sabieħa "fuq imħadda ta' tarbija."

Il-poeżija tispiċċa b'tislima lill-"Omm t'Alla Mbierka" "Kewkba tal-Baħħari," "Faraġ ta' l-Ulied ħatjin," sabiex din traqqadlu l-irwiefen ħorox ta' ħajtu u teħles "lil Ruħ Mifdija." *Għanja Tar-Rebbiegħa,* minsuġa f'erba' sunetti, għalkemm fiha xi tifliqiet il-hawn u l-hemm, toqgħod ma' l-isbaħ għana ta' Cremona.

(1) żilżliet: sajjetti

Għaddejna l-poeżijiet ta' Cremona kollha mbarra *"Il-Mewt tal-għasfur ta' Lesbja"* li hi traduzzjoni minn traduzzjoni oħra. Ma nifhemx li ma tgħilletx xi ftit fit-tifsir ta' ħsiebu, imma, kif dejjem għidt ħadd ma hu marbut joqgħod għal fehmiet tiegħi f'kollox. Xogħli ma hux dommatiku, jiġifieri xogħol li għandek tilqgħu b'moħħok u għajnejk magħluqa. Xogħli jrid ikun daqsxejn ta' dawl, dgħajjef kemm hu dgħajjef, għal min irid itiegħem it-tajjeb ta' l-aħjar poeti maltin. Hu x'inhu dejjem tajjeb tgħallem li mqar fl-aħjar kittieba jista' jkun hemm il-karfa mħalta malqamħ safi u mimli.

Qabel nagħlaq xtaqt nuri jekk Cremona għandux ikollu sehem mal-għaqda ta' l-aħjar poeti maltin, u mbagħad jekk għanjietu jistgħux isiru popolari. Dan imma kien irid xogħol li jisboq il-ħin wil-wisa' li għandi f'idejja li kelli nurih għat-tul u kif imiss. Għalhekk fil-qasir inwieġeb li Cremona ħaqqu post ma' l-aħjar poeti maltin, mhux bħala l-aħjar wieħed fosthom imma bħala wieħed li għanna tajjeb biżżejjed biex jista' joqgħod, għalkemm xi tarġiet l-isfel, ma' l-aħjar għannejja maltin. Tassew li hu mhux dejjem għaġen għanjietu bil-ħass tal-qalb li għandu iġelben safi daqs qatra nida fuq tebqa ta' warda, tassew li xi darba l-ħsieb iġebbdu minn saqajh iżżejjed sa donnu jaqlalu ruħu, tassew li l-kelma mhux dejjem iħaddimha

"Bħalma l-ħaddied fil-forġa
l-ewwel jikwi l-ħadida,
imbagħad ftit ftit jaħdimha
sa' tiġi kif iridha (A. Cuschieri)

imma b'daqshekk ħadd ma jista' jiċħad li bosta drabi l-qalb titkellem f'għanjietu, tirkeb il-ħsieb, tingħaġen ma' ruħu f'għanja mnissla bil-għeruq wix-xniexel minn dak li ħass u ġarrab f'ħajtu.

Iżda b'daqshekk għanjietu jistgħu qatt isiru popolari, jiġifieri jixterdu fost ġensna bħal ħaġa ħafifa għal fuq il-widna u għaslija għal fuq ilsien? Ingħid għalija naqtagħha bla ma ntegħimha : il-poeżija ta' Cremona mhux la kemm tkun popolari mqar meta l-Malti għad ikun ħa sehmu fl-edukazzjoni maltija, u dan għaliex Cremona hu jebes fil-bini tal-ħsieb, u, imqar fl-aħjar tiegħu, trid tħabbat rasek biex tifhmu. Sbuħija hemm, imma trid tistabar tfittixha qajl qajl, sa ma tolqtok u tidħollok f'ħass-qalbek. Popolari mhux la kemm intenni, imma ta' warajna mbagħad ma jistgħux jiċħdulu l-post li ħaqqu sew fl-antoloġiji li għad igħaqqdu, kemm fl-istorja ta' lsienna.

Ġużè Aquilina.

# IX-XELLUGI U L-ĦARBUX

Ix-Xellugi kienet ġratlu l-ħsara: u ma qalx "aħjar hekk jew agħar", kif kien imdorri jgħid sa minn żgħoritu; imma webbilha f'rasu li jkun jaf min kien il-bidu ta' l-għawġ li kien waqagħ fuqu. Kienet metitlu l-baqra l-bajda: l-aħjar baqra tal ħabib li kellu: u x-xitan daħħallu f'rasu l-ħsieb ikrah li xi ħadd kien għajjinhielu; għax ħafna bdiewa ilu kienu jemmnu sħiħ fil għajn il-ħażina u biex ibigħiduha minnhom kienu jbaħħru kullma kellhom bid-duħħan taż-żebbuġ imbierek.

Barra mill-mewt tal-baqra kienu ġrawlu ħsarat oħra; għax ħalba xita ħin bla waqt bellitlu l-andar kollu, u t-tagħam beda jmermer u jitherra, u l-għalf tal-bhejjem, il-ħxielef, għalkemm ma ttiefsux wisq dejjem tilfu mir-riħa bnina li kellhom qabel. Kif wieħed jista' jaħseb, qalb ix-Xellugi ngħafset bil-għali, u xtaqet issib il-mistrieħ f'xi ħaġa, u bdiet tnebbħu b'dak li kien ġara, u b'dak li kellu jagħmel. Għax, kif għedna, ix-xitan kien ħadlu nofs qalbu u kien qiegħed iżeffinha fis-setgħa tiegħu.

Għalhekk dan il-bidwi ħaseb li d-deni f'daru kien ġebulu l-flien li kien għajjenlu ġidu w seħetlu kollox. Meta daħal ġe moħħu dan il-ħsieb ikrah, il-mibegħda f'qalbu bdiet dejjem tiżdied sakemm għalbitu għal-kollox u n-nar ta' kull fdal ta' imħabba ntefa, u lill-flien xtaqlu d-deni, u ntebaħ li bil-qadja ta' din ix-xewqa biss huwa sata' jsib il-faraġ ta' qalbu mikduda u magħawma f'baħar imrar.

* * *

Kienet lejla għal ħabta ta' nofs Awissu: id-dlam għawweb u ħeba kollox, għax il-qamar iddawwar u ma ħareġx biex idawwal is-sema w l-art, u x'ħin inbagħad wera rasu, kien donnu qiegħed jitqâbad ma' sħab iswed li jbeżża: u l-bgħid fix-xefaq kont tilmaħ xi denb ta' berqa mingħajr ma tisma r-ragħda tkarwat. U l-ħin ħelu tas-sajf inbidel u ħabbar kesħa tax-xitwa; bħalma tbiddlet qalb ix-Xellugi li ma' kullħadd kien magħruf bħala raġel tajjeb.

Il-flien li fih kien ħaseb ħażin ix-Xellugi, kien imlaqqam il-Ħarbux, għax kien iħobb jistâd għal-ħriebex u kien jaqbad ta' sikwit. F'din il-lejla kerha, huwa kien ħieni bħal dari, u miġbur fir-razzett tiegħu, kien qiegħed jixxiegħel maż-żagħar tiegħu, bil-bieb tal-bitħa miftuħ biex jista' jara t-tjur inaqqru s-smida magħsuda bix-xorrox u jisma l-fniek iqarmċu x-xgħir, jew il-ħsejjes daqxejn il-bgħid tal-ifrat jixtarru u taż-żiemel jiżher donnu jsejjaħ lil xi ħadd: u minn hawn sata' wkoll iħares

bil-ferħ ġo qalbu lejn seħbitu, li b'daħka ħelwa fuq wiċċha kienet qiegħda tnajjar biex tħejji l-ikla ta' fil-għaxija u kienet qiegħda tħabrek biex tfittex taqdi l-aħħar xogħolijiet tagħha. F'kelma waħda f'din id-dar kienet qiegħda ssaltan il-barka ta' Alla w il-ferħ li jinbet mill-ħedma w mill-bżulija: waqt li f'razzett ieħor kien hemm wieħed li kien qiegħed iħarbex biex jeqred dan il-hena w iġib is-srim billi kien kiser it-tieni Amar Kbir tal-Mulej.

Hawn waslet mara xiħa għakka, ix-xbiha tal-kruha, qisha għula; u marret quddiem il-Ħarbux u talbitu ċarruta biex torbot siqha għax qalet li kienet ġerħitha hi u nieżla minn fuq ħajt tas-sejjieħ. It-twajjeb bidwi ma dewwimhiex tistenna, imma taha dak li riedet, u meta ħarġet biex titlaq xtaqilha l-lejl t-tajjeb. U din ix-xiha bla ġieħ daħket daħka ħażina u bil-għaġla qabdet it-triq għal għand ix-Xellugi biex tatih iċ-ċarruta li hi ma kenitx teħtieġ għal-brix ta' ġisimha.

* * *

Dak il-lejl, meta l-qamar moħbi fis-sħab iswed kien wasal fil-għoli, min kien għaddej minn qrib ir-razzett tax-Xellugi sata' jxomm riħa ta' ħruq għax ix-xiħa kienet qiegħda taħraq iċ-ċarruta li kellha tikxef jekk il-Ħarbux kienx ħati jew lè. Id-duħħan tqagħwex fi sriebet suwed u għal-ewwel tela l-fuq u u nħeba imħallat mad-dlam. Imma f'daqqa waħda ġie x'mejlu lejn ir-razzett tal-Ħarbux!

Għal din id-dehra, ix-Xellugi feraħ, u iżża ħajr lix-xiħa għax bis-saħħa tagħha għaraf min kien il ħâti li għajjinlu daru u issa hu sata' bil-jedd kollhu jħallas id-deni bid-deni.

Għax il-mara kienet maħtura biex tgħid min għajjen, billi ġġib ċarruta minn għand dak li fih ikun intħaseb ħażin, u billi taħraqha u tara u tifli bir-reqqa jekk id-duħħan imilx imqar ħarira waħda, lejn dak li kien miżmum b'ħati; u din id-darba kien miel sewwa u għalhekk il-Ħarbux kien ħati ħafna.

Id-deni li x-Xellugi ħaseb li jagħmel lil Ħarbux kien dan: ried igħajjinlu l-ġid tiegħu u għal dan ix-xogħol qabbad mara li kienet magħrufa bħal dik li kellha l-agħar għajn u li għalhekk kienet tgħajjen dak li kienet trid. Din il-mara, lewn wieħed, għaġna waħda, bħax-xiħa ta' qabel, marret biex taqdi lix-Xellugi bil-ferħa. Imma xogħolha safa' fix-xejn għax il-Ħarbux ma ġralu xejn.

Meta x-Xellugi ra dan, intebaħ li kien emmen dak li ma kellux jemmen, u għamel dak li ma kellux jagħmel u ħalef li ma jarġax; għax qiegħ qalbu ma kienx imħassar.

G. V.

# ĦMURA W DEHEB

Mis-sħab tad-deheb li jirgħa f'wiċċ is-sema
—is-sħab bil-ward imtektek, ward ta' ħmura—
f'baħar mixgħul sultan in-nhar jissaffel
f'sakra ta' ferħ, xewqan li jerġa' lura.

F'ġibda ta' mħabba s-sbul waħda lill-oħra
—is-sbul tad-deheb bħall-kwiekeb geġweġija
igħannqu fil-għanja; f'tarf il-għalqa jsawwab
kusu l-peprin ta' ħmura bellusija.

Imtaqqla d-dielja sserraħ fuq il-frieket,
sofor u ħomor igħaxxqu dawk l-għenieqed;
u wiċċ ħamrani taħt kappell tat-tiben
ta' tifla tgħasses, donnu msaħħar, rieqed....

A. Buttigieg

*BOGĦOD* U *BGĦID.*

Aktarx li l-kittieba kollha jħawwdu u jibdlu dawn iż-żewġ kelmiet u jgħidu l-waħda meta jmisshom igħidu l-oħra. Dan hu nuqqas li jaħtieġ li jissewwa. *Bogħod* huwa nom tal-għamla ta' *toqol, kobor*; *bgħid* huwa aġġettiv tal-għamla ta' *tqil, kbir*. Nistgħu ngħidu *toqol* flok *tqil* u *kobor* flok *kbir?* Daqshekk ieħor ma nistgħux ngħidu *bogħod* flok *bgħid.* Għalhekk ħażin min jikteb: *Kemm hu bogħod minn hawn ir-raħal tiegħek ? Mhux bogħod aktar minn nofs siegħa mixi.* Għandu jikteb: *Kemm hu bgħid....Mhux bgħid....* Ħażin ukoll min jikteb: *Kemm hi bogħod il-belt?* Għandu jikteb: *Kemm hi bgħid l-belt?* Nidraw mela nagħżlu waħda mill-oħra, jekk irridu niktbu birreqqa.

# TAGĦRIF

## IL-KONKORS

—Infakkru l-ħbieb tagħna fil-Konkors ta' kitba Maltija li jsir dis-sena bħas-snin l-oħra. Iż-żmien għal min irid jibgħat xi kitba jagħlaq l-aħħar ta' Awissu. Kullħadd jikteb fuqiex irid proża jew poeżija. Inqisu fuq kollox ortografija tajba. Il-kitba tinbagħat lis-Segretarju tal-Għaqda c/o The Empire Press. Lir-rebbeħin natuhom xhieda ta' tifħir.

—Is-Sinjorini Mary Caruana B.Sc. u Ondina Tayar, imseħbin fil-Għaqda tagħna, spiċċaw l-istudi tagħhom u ħadu d-diploma ta' spiżjari.

—Niżżuħajr lis-sur Fons Galea tal-Annali tal-Propaganda tal-Fidi Nru. 77 li bagħtilna.

—Lil dawk li qegħdin jixtru l-Kotba Mqaddsa mfissrin bil-Malti minn P. P. Saydon u li jixtiequ jafu jekk dawn il-kotba humiex sa jibqgħu joħorġu, natuhom l-aħbar tajba li sa ftit xhur oħra joħroġ ktieb ieħor li jkun jismu IL-KOTBA TA' SAMWEL jiġifieri l-ewwel u t-tieni ktieb ta' Samwel magħqudin fi ktieb wieħed. Dan il-ktieb jiġi wara l-ktieb tal-Imħallfin li ħareġ f'Ottubru tas-sena l-oħra.

—Infakkru l-imseħbin li għadhom lura fil-ħlas biex ma jiddawwrux aktar ma jibagħtulna li għandhom jatu. Jekk iridu, jistgħu jħallsu bil-bolli

## ABBONAMENT

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja wahda sold
Ghal barra minn
Malta id-doppju.